

Motivi invokati: ksur ta' l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (¹), in kwantu ġie meqjus li s-sinjal kunfliġġenti huma fonetikament, kunċettwalment u viżwalment distinti.

(¹) Regolament tal-Kunsill (KE) ta' l-20 ta' Diċembru 1993, Nru 40/94, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU 1994 L 11, p. 1).

Motivi invokati: ksur ta' l-Artikolu 8(1), ta' l-Artikolu 73 u tatt-tieni sentenza ta' l-Artikolu 74(1) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (¹).

(¹) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94, ta' l-20 ta' Diċembru 1993, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU 1994 L 11, p. 1).

## Rikors ippreżentat fl-20 ta' Lulju 2007 — Secure Computing vs L-UASI — Investronica (SECUREOS)

(Kawża T-277/07)

(2007/C 235/25)

Lingwa tar-rikors: Il-Ġermaniż

### Partijiet

Rikorrenti: Secure Computing (Minnesota, l-Istati Uniti) (rappresentanti: P. Kunz-Hallstein u R. Kunz-Hallstein, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord ta' l-Appell: Investronica, SA.

### Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla d-deċiżjoni ta' l-Ewwel Bord ta' l-Appell ta' l-UASI tal-25 ta' April 2007 fil-każ R 1063/2006-1;
- tikkundanna lill-UASI jbatisi l-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Applikant għat-trade mark Komunitarja: Secure Computing

Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark verbali "SECURERO" għal prodotti fil-klassi 9 (applikazzjoni Nru 2659944)

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat in sostenn ta'l-oppożizzjoni: Investronica, SA

Trade mark jew sinjal invokat in sostenn ta' l-oppożizzjoni: it-trade mark verbali "SECURERO" (trade mark Komunitarja Nru 2 126 290) għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 7, 9, 16, 35, 36, 37 u 42 kif ukoll it-trade mark figurattiva "secureuro" (trade mark Komunitarja Nru 2 418 135) għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 7, 9, 16, 35 u 36.

Deċiżjoni tad-Diviżjoni ta' l-Oppożizzjoni: tilqa' l-oppożizzjoni u tiċċhad ir-reġistrazzjoni.

Deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appell: appell miċħud

## Rikors imressaq fit-18 ta' Lulju 2007 — Sepracor vs L-UASI — Laboratorios Ern (LEVENIA)

(Kawża T-280/07)

(2007/C 235/26)

Lingwa li fiha tressaq ir-rikors: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrenti: Sepracor, Inc (Marlborough, l-Istati Uniti) (irrappräsentata minn: E. De Gryse, E. Cornu, D. Moreau, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord ta' l-Appell: Laboratorios Ern, SA (Barcellona, Spanja)

### Talbiet

- Tannulla d-deċiżjoni ta' l-Ewwel Bord ta' l-Appell ta' l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern tat-18 ta' April 2007 fil-każ R 155/2006-1;
- tordna li l-UASI għandu jbatisi l-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Applikant għat-trade mark Komunitarja: Sepracor, Inc.

Trade mark Komunitarja kkonċernata: It-trade mark verbali Komunitarja "LEVENIA" għal prodotti fil-klassi 5 — Applikazzjoni Nru 2 563 799

Proprietarja tal-marka jew tas-sinjal invokat fil-proċedimenti ta' oppożizzjoni: Laboratorios Ern, SA

Trade mark jew sinjal invokat: It-trade mark verbali nazzjonali "LEVELINA" għal prodotti fil-klassijiet 1 u 5

Deċiżjoni tad-Diviżjoni ta' l-Oppożizzjoni: Ċaħdet l-oppożizzjoni fl-intier tagħha

Deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appell: Laqgħet l-appell